**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 9 ta' Frar 2017**

**Pulizija**

**Spettur Chantelle Casha**

**Vs**

**Daniel Mc Gahern**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Daniel Mc Gahren ta' 16 il-sena, bin Timothy Mc Gahren u Jennifer xebba Grima, imwieled nhar is-27 t'Awwissu 1999 u residenti 30A, Triq il-Brolli, Birzebbugia w detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 288199M;

Talli fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Novembru 2015 minn gewwa Triq San Patrizju, Birzebbugia:

1) Ikkommetta serq ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAB 233 ta' l-ghamla Maruti Omni Abdel Ghany, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-hin u x-xorta tal-haga misruqa, kif ukoll;

2) U aktar talli ikkemmta serq ta' ghodda li l-valur taghhom jeccedi l-€232.94 izda ma jeccedix l-€2,329.37 ghad-detriment ta' Shaban Abdel Ghany, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-hin u x-xorta tal-haga misruqa;

3) Akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwisti b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U aktar talli bejn it-23 ta' Novembru 2015 u l-25 ta' Novembru 2016 f'dawn il-Gzejjer:

4) Saq vettura Nru. AAB 223 tal-ghamla Maruti Omni minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta taht dik il-kategorija specifikata biex isuq l-imsemmija vettura;

5) B'hekk saq l-imsemmija vettura meta ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

6) U aktar talli saq vettura Nru AAB 223 tal-ghamla Maruti Omni b'manjiera traskurata, perikoluza w bla kont.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fid-9 ta' Frar 2017, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat il-fedina penali netta tal-imputat, kif ukoll li l-imputat huwa minorenni, u ghalhekk jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena ai termini tal-Artikolu 37(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 267, 270, 271(g), 279(a), 280(1) u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u tordna li jitqieghed taht ordni ta' probation ghall-perjodu ta' tlitt snin, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**